**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 348 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah K. Zerafa)**

**vs**

**Joseph Zahra**

Illum 22 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Joseph Zahra, detentur tal-karta tal-Identita' numru 293553 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fl-4 ta' Awwissu, 2020, ghall-habta tad-09:00hrs, gewwa Triq Qormi, Luqa, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Luke Vella Verzin u Joseph Cassar inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

B) Kif ukoll permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Luke Vella Verzin u Joseph Cassar.

C) Kif ukoll permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor li mhuwiex xieraq bih.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti hija wkoll mitluba biex tapplika Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie kkundannat b' diversi sentenzi mghotija quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u liema sentenzi saru defenettivi, b' hekk gab ruhu recidiv.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-8 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u Artikolu 49 (a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tmien mija u hamsin ewro (€850).

In oltre, ai terminu tal-Artikolu 382 A tal-Kodici Kriminali, harget Ordni ta' Trazzin ghal zmien tliet (3) snin mil-lum sabiex jigu kawtelati Dr. Luke Vella Verzin u Joseph Cassar u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Zahra minnu pprezentat fis-26 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-tmienja (8) ta' Lulju tal-elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fl-ismijiet "il-Pulizija vs Joseph Zahra", fl-intier taghha billi tiddikjara illi l-imputat qua appellant Joseph Zahra mhuwiex hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena, JEW

minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza billi thassar u tirrevoka l-piena u tipprovdi ghal piena aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi ma **ma tressqitx l-ahjar prova li turi n-ness bejn it-telefonata u Zahra u kif ukoll thalla dubju serju u ragonevoli dwar l-identita' tal-persuna li ghamlet it-telefonata anke minhabba l-kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni, u dawn id-dubji kellhom jimilitaw favur in-nuqqas ta' sejbien ta' htija tal-appellanti:**

I. Illi l-ewwelnet minkejja li fl-okkorrenza a fol 5 tal-atti processwali jintqal illi *"recording ta' l-ahhar telefonata kien ser jigi mghoddi lil pulizija izda l-ewwel telefonata ma kienitx recorded peress li saret diretta fl-office ta' verniz" (probabilment qed jirreferu ghal Dr. Vella Verzin)* **dan ir-recording li kellu jkun prova kardinali qatt ma gie pprezentat!**

II. Illi di piu' lanqas tela' jixhed rapprezentant tal-kumpannija tat-telephones sabiex jistabilixxi fuq min kien registrat in-numru tat-telephone li cempel minn fuqu l-appellant u ghalhekk ma hemm l-ebda ness bejn l-appellant u din it-telefonata.

III. Illi ukoll johorgu anomaliji fix-xhieda tal-prosekuzzjoni li lanqas qablu bejniethom u nqabdu li effettivament mhux vera dak li cempel fuq in-numru telefoniku ta' Dr Vella Verzin qal minhu, ahseb u ara kemm qal li hu l-gurdien. L-ewwelnet irrizulta anke mit-transcripts tax-xhieda li Joseph Zahra jiddejjaq min isejjahlu bil-laqam "il-gurdien" tant hu hekk li jinstema li hassu nsulentat b' dan il-laqam anke tramite r-recording waqt li kien qed jixhed Joseph Cassar a fol 22 et seq tal-atti processwali **ahseb u ara kemm kien ser jidentifika ruhu b' dak il-laqam!**:

*"Xhud : identifika ruhu bil-laqam tieghu*
*Avukat: X' qal?*

*Xhud: li hu l-gurdien*

*Imputat : iva?*

*Avukat: oqghod kwiet*

***Imputat : joqghod attent xi jghid sur magistrat ghax jien m' inix tal-gurdien. Kellmu u wahhlu l-multa lilu mhux lili! Ghax lili ma jistax jinsulentani."***

IV. Maghdud ma' dan, irrizulta ampjament li x-xhieda ma qablux bejniethom u per konsegwenza kien hemm **konflitt kbir fil-provi tal-prosekuzzjoni, tant li thalla dubju serju lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kemm effettivament dak li ghamel it-telefonata identifika ruhu.** Tant hu hekk li l-ewwelnet fix-xhieda ta' George Falzon[1] jghid li t-telefonata kienet indirizzata lil Dr Vella Verzin u jghid li l-animal welfare *"qeghdin kamra shih bla partitions allura nistghu nisimghu x' inhu jinghad"*. Ix-xhud jghid li it-telefonata kien speaker u setgha jisma' lil terza persuna minn naha l-ohra x' qed jghid u mhux jghid. U jirrizulta ukoll li d-desk ta' Dr Luke Vella Verzin kienet hdejn tieghu, it-telephone kien speaker u setgha jinstema' sew x' kien qed jinghad. Importanti hawnhekk nispjegaw illi ix-xhud jghid car u dana minkejja li kien ezatt hdejn id-desk ta' Dr Luke Vella Verzin li wiegeb it-telefonata :

**"Prosekuzzjoni: ma tafx forsi, indirizza bl-isem.**
**Xhud: Issa, x' hin qatghu qaluli li Joseph Zahra**
**Prosekuzzjoni: Le le imma li smajt inti, mela qabad jitkellem, ma qalx x' jismu dal lehen**
**Xhud : LE"(Emfasi tal-esponenti)**

Issa din il-verzjoni li tidher veritjera u fejn ix-xhud George Falzon jirrizulta li kien qrib sew ta' Dr. Luke Vella Verzin hija ferm differenti minn dik ta' xhieda ohra. Xhud minnhom Joseph Cassar (fix-xiehda a fol 23) , ma qalx li gharaf il-lehen

[1] A fol 20 et seq

mill-bidu izda wiegeb biss li gharfu wara li kien hemm domandi diretti u li ghalhekk tali twegibiet ghandhom jigu skartati mill-Onorabbli Qorti. Ix-xhud qal specifikament illi ***"Xhud: Hu identifika ruhu li hu s-Sur Joseph Zahra". imbaghad izda fil-kontro-ezami l-istess xhud jghid li dan Joseph Zahra identifika ruhu bhala l-gurdien. U dana meta kif intqal aktar il' fuq hu car li Joseph Zahra ihossu urtat meta jigi referut bhala l-gurdien! Din il-verzjoni tbiddlet xi ftit fix-xhieda ta' Dr. Luke Vella Verzin fejn waqt li x-xhud l-iehor fil-bidu semma' biss li identifika ruhu bhala Joseph Zahra, dan ix-xhud jghid illi "Xhud:*** ***Staqsejtu min hu u qalilna li huwa l-gurdien......***

*Xhud: Irrefera lilu nnifsu bhala l-laqam tieghu.*

*Qorti: Isem tak? Isem*

*Xhud: Imbaghad indunajt ghax kemm-il darba kien gie l-ufficju u kont nghajjatlu b' ismu..."*

Dan juri diga' diskrepanza kbira fejn l-ewwel xhud George Falzon jghid li x' hin qatghu qalulu li hu Joseph Zahra, filwaqt li xhud iehor (Joseph Cassar) l-ewwel jghid li identifika ruhu bhala Joseph Zahra mbaghad fil-kontro ezami qal li semma' l-laqam tal-gurdien, u mbaghad ix-xhud l-iehor Dr Vella Verzin qal li identifika ruhu bil-laqam mill-ewwel biss u li nduna x' jismu ghax skont hu kemm-il darba gie l-ufficju.

Sahansitra xhud iehor Fiorita Maria Sammut[2] izzejjen l-istorja iktar billi tghid *"Ghax beda jghid li hu l-gurdien. "Jiena tafu min jien? Jien il-gurdien"* . f' din ix-xhieda ghaldarbohra jerga' jinstema' l-imputat qua appellant Joseph Zahra jinnega u jgerger.

Xhud iehor Jurgen Galea[3] **ukoll jghid li ma jiftakarx li identifika ruhu min kien il-persuna li cempel. Il-kollega qallu minhu.**

---

[2] a fol 37 et seq tal-atti processwali
[3] a fol 42 et seq tal-atti processwali

Fis-seduta tal-4 t' Awwissu 2020 jerga' jitla' in kontro-ezami George Falzon, ix-xhud stess jerga' jemfasizza li kien diga' xehed l-istess quddiem Qorti ohra u li "Min kien hemm fuq il-linja ma nistax nahlef min kien hemm.....Kien hemm lehen. Il-lehen jista' jaghti l-kaz li kien min kien." Irrizulta ukoll fl-istess kontro ezami illi l-verzjoni moghtija mix-xhieda l-ohra li qalu li identifika ruhu bhala li kien il-gurdien ma kienitx vertiera. Tant hu hekk illi :

**(Emfasi tal-appellant)***"__Difiza: Pero' inti stajt tisma' sewwa.__*

***__Xhud: Iwa Iwa smajt x' inhu jintqal.__***

***__Difiza: Sewwa__***

***__Xhud: u huma qaluli li kien Joseph Zahra. that' s all.__***

***__Difiza: il-Kollegi tieghek__***

***__Xhud: il-Kollegi__***

***__Difiza: Pero' hu u jitkellem hu qal "Jien min jien"jew minhu?Identifika ruhu hu?__***

***__Xhud: Ma identifikax ruhu imma HUMA (emfasi doppja tal-esponenti) bdew jghidulu "Joseph" "Joseph Zahra"u kien ukoll xi laqam li mhux xieraq jinghad imma nsomma."__***

V. Minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-imputat qua appellanti ghazel li jixhed bil-gurament fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2022 u min jheddu fuq gurament jghid li ghandu tifel li jismu wkoll Joseph Zahra. ukoll jghid li fil-kaz tieghu u cioe' tal-appellanti Kien kellem lil wieehed Montebello li jghid li hu l-kbir taghhom bil-kellma t-tajba wara li anke inghata karta mill-Magistrat Farrugia u kienu tawh huma stess il-gageg u l-ghasafar lura u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jaghmel dawn it-telefonati. Ghalhekk ma kellux ghalfejn jaghmel dawn it-telefonati. Dan ukoll jista' jqajjem dubju serju dwar kemm verament kien l-appellanti nnifsu li cempel. Meta tqis li kienu biss telefonati u meta tqis anke li missier u iben jista' jkollhom somiljanza fil-vuci facilment dan jista' johloq dubju serju dwar kemm verament setgha jingharaf fuq telefonata.

Ghaldaqstant ix-xiehda tal-ufficjali korrettivi ma kienitx bizzejjed sabiex tigi kwalifikata bhala prova li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment morali sabiex isib il-htija u dana minhabba l-kunflitt kbir li rrizulta fil-provi u fejn anke l-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta provi kardinali bhal m' huma recordings u rapprezentanti tal-kumpannija telefonika sabiex verament tipprova l-kaz taghha. Illi dan allura mhux bizzejjed sabiex fil-kamp penali tinstab htija u ghalhekk dan l-aggravju jisthoqlu li jkun milqugh fl-intier tieghu u l-appellant ghandu jkun liberat minn kull htija.

VI. Subordinament, u minghajr pregudizzju ghal kull buon fini jintqal illi kellha tinghata **piena** aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz, u li ma kienx hemm ghalfejn jehel ukoll ordni ta' trazzin f' dawn ic-cirkostanzi fejn normalment tinghata biss multa ta' Euros 850 meta jirrizultaw dawn l-akkuzi. U L-Ordni ta' trazzin u l-garanzija imposta kienu eccessivi f' dawn ic-cirkostanzi.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif esposti fl-atti u li minkejja li kien hemm dubju favur l-appellant hija xorta dehrilha li kellha temmen lill-kwerelant minkejja li kien hemm xhieda li taw verzjoni differenti tal-fatti. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax

id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[4].

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina hi l-provi bir-reqqa u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti waslitx ghal gudizzju li kien 'safe u satisfactory' fid-dawl tal-provi imressqa.

Rat l-affidavit ta' **WPS 269 M Lia** fejn stqarret li nhar l-4 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tal-10.00 waqt li kien fuq ix-xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Luqa marru l-ghassa Luke Vella Verniz fil-kariga tieghu ta' Veterinary Officer flimkien ma Joseph Cassar fil-kariga tieghu bhala Animal Welfare Officer mal-Animal Welfare li jinsabu fi Triq Hal Luqa Qormi fejn irraportaw li ghall-habta tad-9.00 a.m kien cemplilhom Joseph Zahra maghruf bhala 'il-Gurdien' fejn beda jheddidhom.

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Luke Vella Verniz stqarr li Zahra kien cempel fuq il-contact number tieghu li hu 22924329 u talab li jitkellem ma Joseph Cassar. It-telefonata kienet fuq speaker u kull min kien fil-kamra sema t-telefonata. Joseph Cassar kellem lil Zahra fejn dan ta' l-ahhar qal li jrid il-gageg lura u beda jidghi dak il-hin Cassar lanqas kompla jkelmu fejn Zahra irrabja u beda jhedded li se jmur hemm u jkisser kullimkien u aktar qal ' *nigi u nahraqlek il-bieb tad-dar*' b'referenza ghal Cassar. Luke Vella Verniz stqarr li hu pprova jikkalma lil Zahra izda dan rega heddidhom din id-darba bil-kliem '*nigi u noqtolkom*'. Dak il-hin prezenti kien hemm Jurgen Galea, George Falzon u Fiorita Maria Sammut li xehdu kif semghu lil Joseph Zahra jghid '*nigi nahraqlek il-bieb tad-dar,*'.

Hija tkelmet max-xhieda Jurgen Galea, George Falzon u Fiorita Maria Sammut u hadet il-verzjoni taghhom. Sakemm kien qieghed isir ir-rapport kein rega cempel Joseph Zahra fl-ufficcju tal-Animal Welfare.

Bil-kaz infurmat lill-Ispettur Sarah Zerafa u saru diversi tentattivi biex jigi misjub Joseph Zahra izda kien ghal xejn.

Rat ix-xhieda ta' **George Falzon** moghtija nhar l-14 ta' Marzu, 2022 u dan spjega li kien jahdem l-Animal Welfare meta fl-4 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tad-9.00 a.m dahlet telefonata ghall-Animal Welfare indirizzata lil Dr. Vella Verzin li jigi l-vet tal-animal welfare. L-Animal Welfare jinsab f'kamra bil-partitions u ghalhekk jistghu jisimghu x'inhu jinghad. It-telefon kien speaker u setgha jisma lil terza persuna min naha l-ohra x'kienet qed tghid. Seta jisma hafna dagha hafna kliem hazin. Huwa kien bil-qieghda fid-desk tieghu biswit id-desk tieghu kien hemm desk tat-tabib Dr. Luke Vella Verzin u t-telefon kien speaker u setgha jisma dak li kien qed jinghad. Mistoqsi jekk kienx jaf min kien fuq in-naha l-ohra tat-telefonata jghid li ma jistax jahlef ghax ma rahx. Huwa sema lehen biss. X'hin qata' qalulu li kien Joseph Zahra.

Illi nhar it-8 ta' Lulju 2022 xehed mill-gdid u kkonferma li t-telefonata kienet dahlet fuq il-mejda tal-vet u cioe ta' Dr. Verzin. Qal li t-telefonata kienet fuq speaker u kien hadha Dr. Verzin. Jghid li hu ma jafx min kien fuq it-telefon izda shabu gharfu li kien l-akkuzat ghaliex kien abbinat mal-kaz fuq gageg tal-ghasafar. Jghid li huwa sema t-telefonata izda shabu qalulu li kien Joseph Zahra. Jaf li bdew jghidulu Joseph Joseph Zahra u anke b'xi laqam. Waqt it-telefona ta' kien hemm kliem mhux xieraq. Huwa jikkonferma li ma kienx involut fil-gbir tal-gageg minn Hal Far.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Cassar** moghtija nhar l-14 ta' Marzu, 2022 u dan spjega li nhar it-2 ta' Novembru 2019 kienu gew imsejha mill-pulizija ta' B'Bugia biex jassistuhom gewwa r-residenza ta' Joseph Zahra gewwa Hal Far fl-Officers Mess. Qalulhom li kellu xi annimali li ma kienux mizmuma tajjeb. Il-pulizija dahlu u huma dahlu warajhom u sabu numru ta' ghasafar li kienu mejta u mhux mizmuma tajjeb. Kien gie deciz li jigu sekwestrati u peress li kien hemm ghasafar minnhom li kienu mghaxa ttiehdu bil-gabjetti b'kollox. Is-sur Zahra fl-4 ta' Awwissu 2020 kien cempel l-ufficini taghhom ta' Hal Luqa, id-dipartiment tal-harsien tal-annimali fejn kien irrispondih Dr. Luke Vella Verzin fuq in-numru 22924329 u beda isaqsih ghas-sur Joseph Cassar jigifieri ghalih. Dak il-hin beda jitkellem mieghu u Dr. Luke Vella Verzin u dan ghamlu fuq il-loud speaker u bdew jisimghu kull ma kien hemm fil-kmamar beda jisma x-xhud u dak li kien qed jghid.

Fil-kamra kien hemm Dr. Luke Vella Verzin, Dr. Malcolm Galea, Fiorita Sammut u George Falzon. Fost xeba dagha u ghajjat beda isaqsi ghalih u jghid li kien ser imur hemmhekk u ikisser kull m'hemm u aktar tard qalilhom ukoll li ser imur jahraqlu l-bieb ta' barra jekk il-gabjetti ma jinghatawx lura lilu. Huwa qaghad jisimghu izda ma kelmux. Aktar tard marru l-ghassa ta' Hal Luqa u ghamlu r-

rapport. Mistoqsi x'kariga ghandu jghid li hu ufficcjal fl-animal welfare. Qal li dakinhar kien fl-ufficcju u sema l-konversazzjoni kollha. Mistoqsi kif identifika lill-appellant jghid li kien l-appellant stess li qal min kien. Izda jghid li huwa lis-sur Zahra jafu sew. Jghid li l-appellant huwa Joseph Zahra li ghamel it-telefonata ghaliex gharaf il-lehen tieghu. Mistoqsi jekk setax kien il-lehen ta' haddiehor jghid li le. Jghid li t-telefonata hadha Dr. Luke Vella Verzin u semaghha kollha.

Qal li l-appellant identifika ruhu bil-laqam tieghu u cioe 'il-gurdien'.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Dr. Luke Vella Verzin** moghtija nhar l-4 ta' Awwissu, 2020 fejn spjega li huwa kien jahdem mal-Animal Welfare bhala veterinarju tal-enforcement u l-involviment tieghu f'dan il-kaz kien wiehed limitat u cioe li kien ircieva t-telefonata nhar l-4 ta' Awwissu 2020. Kien ghall-habta ta' nofsinhar u kien l-ufficcju l-Ghammieri, Hal Luqa u ircieva telefonata u wiegeb kif jghamel normalment u kien hemm ragel li beda jghidlu li jrid l-ghasafar lura, ried il-gageg. Staqsih min kien u dan qallu li kien il-'gurdien'. Jaf li kien Joseph Zahra ghaliex kemm il-darba mar l-ufficcju taghhom. Qal li kien hemm hafna theddid. Huwa qabad u pogga t-telefonata fuq speaker biex kulhadd ikun jaf x'kien qed jghid Joseph Zahra. Qal li l-ufficcju tieghu huwa *open plan* u dakinhar kien hemm hafna nies, ried ikellem lil Jospeh Cassar. Jaf li dak il-hin qallu li Joseph Cassar kien hdejh u beda jheddu u hedded li kien ser imur jahraq l-ufficcju taghhom u ikisser kull ma hemm. Semma ukoll xi kliem li kien ser imur jahraq il-bieb tad-dar ta' Joseph Cassar. Lilu personalment hlief li sejjer l-ufficcju jahraq kull m'hemm u joqtolhom ma qallu xejn iktar. Huwa ghalhekk qata' l-linja u mar jghamel rapport l-ghassa. Qal li huwa gharaf lehen Joseph Zahra ghaliex kien icempel diversi drabi u kien kelmu darbtejn fl-ufficcju. Jghid li ma jafx ghaliex cempel lilu u beda jheddidhom. Huwa gharaf lill-akkuzat bhala Joseph Zahra l-persuna li ghamlet it-telefonata.

Mistoqsi in kontro-ezami, jekk jaf dwar l-ghasafar li ghandu bin Joseph Zahra d-dar jghid li lanqas kien jaf li Joseph Zahra ghandu tifel. Mistoqsi jekk hux minnu li l-akkuzat ma jhobbx min jghajjatlu 'gurdien' jghid li huwa minnu li introduca ruhu bhala l-'gurdien' fuq it-telefon.

**Fiorita Maria Sammt** xehdet nhar l-4 ta' Awwissu, 2020 u spjegat li hija tahdem bhala Animal Welfare Officer u tghid li kien nhar l-4 ta' Awwissu 2020 meta kienet l-ufficcju u dahlet telefonata ghand Dr. Luke Vella Verzin fuq in-numru 29232429 ghal habta tad-9.00 a.m. L-ufficcju taghhom jinsab f'Luqa Road, Qormi. Tghid li kien cempel Joseph Zahra u dan beda jitkellem ma Luke u beda jghajjat u jidghi u jirrabja mieghu fuq it-telefon. Dak il-hin ma kienx speaker u beda jghid li jrid ikellem lil Joseph Cassar minhabba l-gageg u dan biex itih lura l-gageg. Tghid li qabel kienet saret xi konfiska u kienu hadu xi gageg minghandu. Ghall-konfiska kienet prezenti. Wara ftit dan Luke ghamel it-telefonata *speaker* u spiccaw semghuh kulhadd. Beda jghidlu 'ara kif ser taghmel u ggibli lura l-gageg ghaliex int hadthomli'. Dan kien qed jindirizza lil Joseph Cassar. Dan beda jidghi b'Alla u l-Madonna u '*ara kif ser taghmel u iggibli l-gageg ghax nigi id-dar u nahraqlek kull m'hemm.' U 'naf fejn toqghod 'ghax nigi ghandek u inkisser kull m'hemm', 'noqtolkom'* tghid li qallhom min kollox. Dawk il-kliem pero zgur li qalhom. Wara marru jghamlu rapport l-ghassa. Tghid li hija ma tkelmitx fuq it-telefon u ma kellha l-ebda intervent. Mistoqsija kif taf li t-telefonata saret minn Joseph Zahra tghid li l-persuna bdiet tghid li hi *'l-gurdien'*. Tghid li kienet marret ghandu ghaliex il-pulizija kienu baghtu ghalihom u meta marret fuq il-post sabet numru ta' ghasafar mejta u ohrajn bil-guh u lanqas ikel ma kellhom u kien ghalhekk li gabruhom.

**Jurgen Galea** xehed fl-istess jum u spjega li jokkupa l-kariga ta' senior veterinary officer fi hdan il-Ministeru ta' Ghawdex pero fiz-zmien tal-incident kien veterinary officer fl-Animal Welfare ta' Malta. Jiftakar li fil-bidu ta' Awwissu tas-

sena 2020 kien diehel l-ufficcju ghal habta tad-9.00 a.m u fuq il-loud speaker kien hemm l-akkuzat jitkellem b'mod agitat. Jghid li beda jhedded lil certu nies fosthom lil Joseph Cassar ex-kollega tieghu. Beda jghid li kien ser jahraqlu l-bieb u li kien ser imur isibu. Qal li kien qed jirreferi ukoll ghal Dr. Luke Vella Verzin. Mistoqsi jghidx kliem ohra li qal l-akkuzat jghid li ma jiftakarx salv li kienu agitati u marru lkoll flimkien jghamlu rapport l-ghassa. Jghid li kemm l-akkuzat stqarr min kien kif ukoll Joseph Cassar gharfu. Mistoqsi jekk qatt kelmu qabel jghid li le.

L-akkuzat **Joseph Zahra** xehed nhar it-8 ta' Lulju, 2022 minn jeddu u b'mod volontarju u jghid li kien ibnu Joseph li qala l-inkwiet u meta jkelmu. Ibnu jindirizzah hazin u jghidlu ' F....Kemm Ghandek' jew ' Mur hudu f...ommok.' Jghid li ghalih ahjar ittih daqqa ta' sikkina milli isemmilu l-ommu. Jghid li uliedu Mario u Joseph jahdmu f'razzett tieghu u lanqas ma irid ikeccihom. Cahad li kellem lil Dr. Verzin u jghid li kellem lis-sur Montebello biss fuq il-kaz meta mar biex jigbor l-ghasafar.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita tara l-komportament tax-xhieda u tal-akkuzat fuq il-pedana tax-xhieda pero ghandha quddiemha x-xhieda taghhom traskritta. Rat li x-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni ikkonfermat li saret din it-telefonata fejn l-akkuzat tkellem hazin ma Dr. Verzin u li beda jidghi, jitkellem hazin u jhedded li kien ser jahraq il-bieb ta' barra tas-sur Joseph Cassar u li kien ser joqtolhom.

Illi m'hemmx dubbju li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghandhom aktar mis-sewwa u qeghdin jghidu l-verita kollha. L-akkuzat kien aktar interessat jitkellem fuq l-incident ta' meta gabrulu l-ghasafar milli fuq it-telefonata. Kien aktar mohhu biex

igiddeb ix-xhieda milli sabiex jispega ezatt x'kien gara. Referenza ghat-telefonata fix-xhieda tieghu ftit li xejn jghamel. Illi din il-Qorti hija konvinta li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni fosthom Dr. Verzin u Joseph Cassar gharfu l-vuci tal-akkuzat u dan ghaliex kienu gja jafuh peress li kien icempel l-ufficcju taghhom ta' sikwit. Il-Qorti ma hix konvinta li kien ibnu li ghamel it-telefonata minkejja li l-akkuzat ipprova jitfa d-dell tieghu fuq ibnu. Illi huwa minnu kif stqarr l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qablux in toto bejniethom fuq dak li ddiskrevew pero huwa normali li dak li jkun ma jirrepetix bhala pappagal dak li ikun intqal minn xhud iehor. Li hu importanti hu li x-xhieda bejniethom jaqblu fuq is-sustanza tad-diskorsata li saret nhar l-4 ta' Awwissu, 2020. Ma hemmx dubbju li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ghandha iktar mis-sewwa u hija verzjoni aktar kredibbli minn dak li stqarr l-akkuzat. Wara kollox jinghad li x-xhieda ma hiex kontradittorja izda m'hiex ezatta u f'cirkostanzi bhal dawn fejn ix-xhieda kienu agitati fuq dak li sehh huwa naturali u normali li x-xhieda jirrelataw dak li gara mill-lenti taghhom u l-verzjoni moghtija minn diversi xhieda ma tkunx ezatta. F'cirkostanzi bhal dawn agir bhal dan jindika li x-xhieda ma pprattikawx dak li ser jghidu izda kienu spontaneji fix-xhieda taghhom.

Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ma tiehux pjacir tara lil dak li jkun joffendi lill-ufficcjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom u thoss li ghandha d-dmir li tipprotegi kull min ikun qed jahdem u jigi ostakolat jew mhedded fil-qadi ta' dmirijietu.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta'.

Qeghda ukoll tikkonferma l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin a favur Dr. Luke Vella Verzin u Joseph Cassar ghall-perijodu ta' tlett snin millum u dan skond id-digriet

moghti mill-ewwel Qorti li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza salv li l-perijodu li ghandu jigi operat jibda jiddekorri millum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur